REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 760/2009

tad-19 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1741/2006 li jistipula l-kundizzjonijiet għar-rifużjoni ta' esportazzjoni speċjali tal-laħam mingħajr għadam ta' annimali adulti bovini maskili skont il-proċedura tal-ħżin fid-dwana qabel l-esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 170 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 [2] jistabilixxi li l-laħam mingħajr għadam tal-bovini adulti maskili li għalih hija aċċettata dikjarazzjoni għal-ħżin għandu jkun soġġett għal kontroll fiżiku li jirrigwarda selezzjoni rappreżentattiva ta' mill-inqas 5 % tad-dikjarazzjonijiet għal ħżin aċċettati

(2) Sabiex ikun hemm trattament ugwali bejn l-operaturi li jesportaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1741/2006 u dawk li jesportaw direttament, għandha tingħata garanzija li l-kwantitajiet li jitneħħew biex ikunu jistgħu jitwettqu l-kontrolli fiżiċi għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

(3) Ir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli [3], diġà jistabilixxi l-prinċipju li kwantitajiet ta' prodotti meħuda bħala kampjuni meta jitlestew il-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni u li ma jiġux irritornati wara, għandhom jitqiesu daqs kieku ma tneħħewx għal finijiet tal-kalkolu tal-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1741/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1741/2006 għandu jiżdied il-paragrafu 4 li jmiss:

"4. Għal finijiet tal-kalkolu tal-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-kwantitajiet tal-prodotti li jittieħdu bħala kampjuni għall-kontroll fiżiku imsemmija fl-Artikolu 4(8) u li ma jiġux irritornati wara għandhom jitqiesu daqs kieku ma tneħħewx mill-kwantità esportata."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 299, 16.11.2007 p. 1.
[2] ĠU L 329, 25.11.2006, p. 7.
[3] ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.